DIRETTIVI

DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1027

tad-19 ta' Lulju 2018

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE fir-rigward ta' distanzi ta' iżolament għal *Sorghum* spp

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing ta' żerriegħa tal-ġwież ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Billi:

(1) Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni taż-żerriegħa previsti fid-Direttiva 66/402/KEE huma bbażati fuq standards stabbiliti mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD).

(2) Fil-Laqgħa Annwali tal-2017 tal-OECD dwar għall-Iskemi taż-Żerriegħa, l-istandard għal distanzi ta' iżolament għall-kultivazzjoni ta' *Sorghum* spp. ġie emendat b'mod partikolari biex jiġu kkunsidrati żoni fejn il-preżenza ta' *S. halepense* jew *S. sudanense* hija kwistjoni partikolari ta' dakkir inkroċjat.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 66/402/KEE tiġi emendata skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 66/402/KEE

L-Anness I tad-Direttiva 66/402/KEE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2019.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom immedjetament jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

([1]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Il-Punt 2 tal-Anness I tad-Direttiva 66/402/KEE jinbidel b'li ġej:

"2. L-għelejjel għandhom jikkonformaw fir-rigward id-distanzi mis-sorsi fil-viċin tat-trab tad-dakra li jistgħu jirriżultaw f'dakkir barrani mhux mixtieq:

Għelejjel	Distanza minima
Phalaris canariensis, Secale cereale minbarra ibridi:	
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika	300 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata	250 m
Sorghum spp.	
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika (*)	400 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata (*)	200 m
xTriticosecale, varjetajiet li jdakkru lilhom infushom	
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika	50 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata	20 m
Zea mays	200 m

(*) F'dawn iż-żoni fejn il-preżenza ta' *S. halepense* jew *S. sudanense* titratta kwistjoni ta' dakkir inkroċjat partikolari, għandu japplika dan li ġej:

(a) l-għelejjel għandhom jipproduċu ż-żerriegħa bażika ta' *Sorghum bicolor jew l-ibridi tagħha jridu jiġi iżolati mhux inqas minn 800 m 'l boghod minn kwalunkwe sors ta' tali trab tad-dakra li jikkontamina;*

(b) l-għelejjel għandhom jipproduċu ż-żerriegħa ċċertifikata ta' *Sorghum bicolor jew l-ibridi tagħha jridu jiġi iżolati mhux inqas minn 400 m'l boghod minn kwalunkwe sors ta' tali trab tad-dakra li jikkontamina.*

Id-distanzi minimi mniżżla fit-tabella hawn fuq jistgħu jiġu injorati jekk hemm protezzjoni suffiċjenti minn kwalunkwe trab tad-dakra mhux mixtieq."